# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Mejju 2019

Merħba! Il-Papa jistieden lil bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex il-Knisja fl-Afrika, permezz tal-impenn tal-membri tagħha, tkun żerriegħa ta' għaqda fost il-popli Afrikani u sinjal ta' tama għal dan il-kontinent.**

**Ninġabar:**

Infittex pożizzjoni komda u nipprova nħoss il-preżenza t'Alla fija. Nirringrazzja lil Alla għal dawk in-nies fil-ħajja tiegħi li ħafruli meta jien inqasthom f'xi ħaġa.

**Fatt ċkejken:**



Fis-sena 2014 faqqgħet il-vjolenza bejn il-Musulmani u l-Insara fil-belt ta' Baoli, fil-Majjistral tal-belt kapitali tas-Central African Republic, Bangui. Xi familji Musulmani ħassew li ma kien fadlilhom l-ebda għażla ħlief li jaħarbu lejn Bangui. Matul it-triq, huma sabu rwieħhom fil-mira ta' membri armati tal-militia ribelli, l-anti-Balaka. Għalhekk dawn il-familji kellhom jerġgħu lura lejn Baoli, fejn talbu protezzjoni mingħand it-truppi Franċiżi. Dun Xavier-Arnaud Fagba kien pront offrilhom il-kenn fil-knisja tiegħu malli lemaħ lill-miltia tal-anti-Balaka jiġru wara l-Musulmani bis-skiken u bil-machetes. Hu qal: "Jien mhu se nħalli lil ħadd iweġġa' lil ħaddieħor fil-knisja tiegħi. Għalija ma tagħmilx differenza jekk dan ikunx Nisrani jew Musulman." Mhux talli laqa' lil dawk il-familji, imma Dun Xavier beda jħabbat bieb bieb u jistieden lil dawk il-familji Musulmani li kienu għadhom ma ħarbux biex imorru jistkennu fil-knisja. Huwa żied jgħid: "Dak il-ħin ma kelli l-ebda pjan f'moħħi. Kulma bdejt naħseb kien li dawn huma ħuti u jinsabu f'diffikultà. Huma kellhom bżonn l-għajnuna tiegħi. U jien mort ngħinhom bħala qassis, u bħala Nisrani għamilt din il-ħaġa f'isem il-fidi tiegħi."

Xaqq ta' tama fost il-ġlied u l-ħerba li kienu ħakmu lis-Central African Republic feġġ meta grupp ta' mexxejja ta' Musulmani, Kattoliċi u Protestanti ngħaqdu flimkien. Huma bdew ifakkru lin-nies tal-pajjiż li l-fidi tagħhom ilkoll hija bbażata fuq it-tagħlim ta' Abraham, jiġifieri fuq il-paċi. Huma ppruvaw ukoll jipperswadu lill-militias biex iżarmaw u ltaqgħu mal-missjoni tal-Ġnus Magħquda biex jikkoordinaw il-ħidma tagħhom flimkien.

**Naħseb ftit:**

Nipprova nġib quddiem għajnejja lil dawk il-miljuni ta' nies li jinsabu 'l bogħod minn djarhom u qed jesperjenzaw il-vjolenza riżultat tal-firda li teżisti f'pajjiżhom minħabba r-reliġjon. Noffri t-talb u t-tbatijiet tiegħi għall-bżonnijiet tagħhom.

**Nitlob:**

Mulej, inti s-sultan tal-paċi. Agħmel li aħna lkoll inkunu sinjal ta' tama u għaqda kull fejn inkunu u sabiex ngħidu "le" għal kull forma ta' mibegħda, vendetta u vjolenza.

**Kliem ta' dawl:**

Biex tagħmel differenza fil-ħajja ta' xi ħadd m'hemmx għalfejn tkun brillanti, sinjur, sabiħ jew perfett. Kulma trid tagħmel hu li turi li jimpurtak minn dik il-persuna u tkun preżenti f'ħajtu.

*Anonimu*

**X'nista' nagħmel:**

Fil-ħajja tiegħi ta' kuljum, niltaqa' ma' ħafna nies ta' kultura, razza u reliġjon differenti. Nitbissmilhom u nsellmilhom u jekk inkun nista' nkun ta' għajnuna, ma noqgħodx lura.